

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 19.8.2005
KUMM(2005) 377 finali

2005/0157 (COD)

Proposta ta'

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Dwar il-finanzjament ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea

{SEC(2005) 1050}

(ippreżentata mill-Kummissjoni)

STQARRIJA TA' SPJEGAZZJONI

Il-kuntest

Sa minn nofs it-tmeninijiet, l-istandardizzazzjoni Ewropea ppermettiet, minn naħa, iċ-ċirkulazzjoni tal-prodotti industrijali fil-Komunità Ewropea u, min-naħa l-oħra, livell għoli ta' ħarsien tal-konsumaturi u tal-ħaddiema, partikularment fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni dejjem sostniet finanzjarjament l-iżvilupp ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea, u mingħajr dan l-appoġġ din il-politika ma kenitx tkun tista' tiżviluppa b'daqstant ħeffa u suċċess f'xi għoxrin settur industrijali. Il-katalgu tat-tliet korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni msemmija aktar 'il quddiem "il-Korpi Ewropej ta' l-Istandardizzazzjoni (KEI)" (*CEN*, *CENELEC*, *ETSI*)¹ illum jiġbor fih aktar minn 15 000 standard u speċifikazzjoni Ewropea, li 2 500 minnhom tfasslu sabiex isostnu l-leġiżlazzjoni Komunitarja u r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

B'din l-attività ta' standardizzazzjoni, il-Komunità tista' tevita li tiżviluppa regolamenti ddettalġati, jew li saħansitra tirregolamenta. Għal din ir-raġuni, l-istandardizzazzjoni tagħmel parti mill-isforzi li qegħdin isiru għat-titjib tal-leġiżlazzjoni fil-kuntest tal-politika tat-tkabbir u l-impjiegi.

Bħalissa, l-għajjnuna finanzjarja għall-istandardizzazzjoni Ewropea hija msejsa fuq bosta Atti li, l-biċċa l-kbira tagħhom ma jinkludux provvedimenti espliċiti u speċifiċi biżżejjed dwar il-kondizzjonijiet tal-finanzjament. Dawn l-Atti jipprovdu bażi li tippermetti lill-Kummissjoni titlob lill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni (*CEN*, *CENELEC*, *ETSI*) ifasslu standards Ewropej li jsostnu l-politika tagħha.

Dan jinvolvi essenzjalment:

- id-Direttiva 98/34/KE² li tippermetti lill-Kummissjoni tagħmel talbiet għall-istandardizzazzjoni lill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni,
- għadd ta' regolamenti għall-armonizzazzjoni teknika biex jiġi implimentat is-suq intern, fosthom id-Direttivi ta' "strateġija ġdida",
- id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar l-istandardizzazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informatika u tat-telekomunikazzjoni³.

Ġeneralment, l-għajjnuna finanzjarja għall-istandardizzazzjoni Ewropea tidħol fil-qafas tar-relazzjonijiet ta' sħubija stabbiliti bejn il-Kummissjoni, l-*EFTA* u l-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni kif speċifikati fl-Orjentazzjonijiet Ġenerali tal-kooperazzjoni ffirmati fit-28 ta' Marzu 2003 bejn dawn l-korpi differenti⁴.

¹ *CEN*: il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni, *CENELEC*: il-Kumitat Ewropew għall-Koordinazzjoni ta' l-Istandards Elettrotekniċi, *ETSI*: il-Kumitat Ewropew għall-Koordinazzjoni ta' l-Istandards fit-Telekomunikazzjoni,

² Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/34/KE li taħseb għal proċedura ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-standards u r-regolamenti tekniċi, ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 37, emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 98/48/KE, ĠU L 217, tal-5.8.1998, p. 18.

³ ĠU L 36, tas-7.2.1987, p. 31.

⁴ ĠU C 91, tas-16.4.2003, p. 7.

Fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Mejju 1999⁵, il-Parlament Ewropew approva r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-effikaċja u l-leġittimità fil-qasam ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea fil-qafas ta' l-istrateġija l-għdida.

Fir-Riżoluzzjoni ta' Ottubru 1999⁶ u fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Marzu 2002⁷ dwar ir-rwol ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea, il-Kunsill ikkonferma l-intenzjoni tiegħu li jkompli jipprovdi finanzjament Komunitarju għall-istandardizzazzjoni Ewropea fil-parametri fissatti mill-awtorità tal-baġit, flimkien mal-kontribuzzjonijiet ta' l-industrija u ta' l-EFTA.

Bħalissa, il-finanzjament ta' l-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea huwa mmirat essenzjalment lejn:

- kuntratti annwali ta' ħidma mal-KEI biex jittejjeb il-funzjonament tas-segretarjati ċentrali tagħhom f' termini ta' koerenza, ta' effikaċja, ta' kwalità u ta' viżibilità,
- titjib fil-kwalità ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea, billi ssir evalwazzjoni ta' l-abbozzi ta' standards armonizzati minn konsulenti esterni u fejn ikun meħtieġ traduzzjoni tal-verżjoni finali,
- l-iżvilupp ta' l-istandards Ewropej jew prodotti oħra ta' standardizzazzjoni b'appoġġ għall-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Komunità,
- il-promozzjoni u l-viżibilità tas-sistema Ewropea ta' l-istandardizzazzjoni u ta' l-istandards Ewropej.

Jistgħu jiġu ffinanzjati attivitajiet oħra, per eżempju fl-oqsma ta' l-għajnuna jew tal-kooperazzjoni teknika fir-rigward ta' pajjiżi terzi.

Ir-regolament finanzjarju l-għdid⁸ jistipula li l-għoti ta' l-allokkazzjonijiet finanzjarji għall-azzjoni Komunitarja kollha jeħtieġ l-adozzjoni minn qabel ta' att bażiku, li fil-qasam ta' l-implimentazzjoni tat-Trattat tal-KE, huwa att ta' leġiżlazzjoni sekondarja li jagħti bażi fil-liġi lill-azzjoni Komunitarja u lill-eżekuzzjoni ta' l-ispiża rispettiva allokata fil-baġit. L-atti ta' leġiżlazzjoni sekondarja eżistenti li jikkonċernaw l-istandardizzazzjoni Ewropea ma jissodisfawx għal kollox dawn ir-rekwiżiti stipulati fir-regolament finanzjarju.

Għaldaqstant, il-Kummissjoni tħoss li għandha tadotta att li jtiha bażi u qafas legali aktar espliċitu, aktar sħiħ u aktar iddettaljat għall-finanzjament ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea u li jiżgura l-permanenza, wara li ġustifikazzjoni ta' inizjattiva bħal din kienet is-suġġett ta' evalwazzjoni (ara l-Anness tal-Proposta).

Il-Proposta ta' Deċiżjoni

Biex tappoġġa l-politika u l-leġiżlazzjoni Komunitarja, il-Komunità Ewropea tagħmel użu kbir mill-istandards Ewropej jew prodotti oħra ta' standardizzazzjoni żviluppatti mill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni li jingħarfu fl-Anness I tad-Direttiva 98/34/KE, jiġifieri s-CEN, is-CENELEC u l-ETSI jew minn korpi tekniċi oħra fejn ikun meħtieġ, partikularment fejn jidħlu xogħlijiet ta' tħejjija.

Ix-xogħlijiet għall-istandardizzazzjoni huma fdati f'idejn l-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni fuq il-bażi tat-talbiet għall-istandardizzazzjoni magħmula b'konsultazzjoni mal-Kumitat fid-Direttiva 98/34/KE skond id-dispożizzjonijiet stipulati f'din

⁵ ĠU C 150, tat-28.5.1999, p. 624.

⁶ ĠU C 141, tad-19.5.2000, p. 1.

⁷ ĠU C 66, tal-15.3.2002, p. 1.

⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25.06.2002, ĠU L 248, tas-16.9.2002, p. 1.

id-direttiva u skond dawk tad-Deċiżjoni 87/95/KEE fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informatika u l-komunikazzjoni (l-ICT).

Din il-proposta hija msejsa fuq l-Artikoli 95 u 157 tat-Trattat tal-KE.

Fil-fatt, l-istandardizzazzjoni Ewropea minn naħa waħda ssostni t-tqarrib tal-leġiżlazzjonijiet għall-ħolqien, il-funzjonament u l-konsolidazzjoni tas-suq intern (armonizzazzjoni teknika), u min-naħa l-oħra, it-titjib tal-kompetittività ta' l-intrapriżi.

Il-miżuri ta' armonizzazzjoni teknika jistgħu jindirizzaw għadd ta' suġġetti bħalma huma s-saħħa, is-sigurtà, il-ħarsien ta' l-ambjent u tal-konsumaturi jew inkella l'interoperabilità. Barra mill-aspett tas-suq intern, l-istandardizzazzjoni Ewropea tista' tgħin firxa wiesgħa ta' politika Komunitarja bl-għan li titkabbar il-kompetittività ta' l-intrapriżi Ewropej, partikularment fl-oqsma tal-politika kummerċjali komuni, dawk tat-trasport, dak ta' l-ambjent, dawk ta' l-ICT, dak tas-sigurtà tad-dokumenti ta' l-ivjaġġjar, dawk tas-servizzi, dak-ta' l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku.

Din il-proposta tikkostitwixxi immedjatament att speċifiku u tipprovdi qafas ċar, sħiħ u ddettaljat li permezz tiegħu l-Komunità tista' tiffinanzja l-attivitajiet kollha għall-istandardizzazzjoni neċessarji għall-implimentazzjoni tal-politika Komunitarja.

Deċiżjonijiet annwali ta' finanzjament meħuda mill-Kummissjoni jistabbilixxu partikularment il-ħtiġijiet li jridu jiġu sodisfatti, l-għanijiet li jridu jinthlaqu kif ukoll il-volum ta' l-allokazzjonijiet skond it-tip ta' attivitajiet u, jekk ikun il-każ, il-proporzjonijiet tal-kofinanzjament. Dawn l-attivitajiet normalment ikunu s-suġġett ta' l-evalwazzjonijiet intermedji jew *ex-post facto* skond id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti finanzjarji fil-qasam.

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-għan ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-kontribut tal-Komunità Ewropea fil-finanzjament ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea b'appoġ għall-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Komunità. L-għajnuna għal-leġiżlazzjoni Komunitarja hija mmirata lejn is-suq intern għall-prodotti u s-servizzi, inklużi l-aspetti tas-saħħa, is-sigurtà, il-ħarsien tal-konsumaturi u tal-ħaddiema, l-interoperabilità u n-negozju kummerċjali. Barra minn hekk, l-istandardizzazzjoni Ewropea tista' tipprovdi valur miżjud u ttrinforza l-kompetittività ta' l-industrija Ewropea, partikularment fl-oqsma tat-trasport, tat-teknoloġiji ġodda, ta' l-ICT, ta' l-industriji tad-difiża u ta' l-ispazju.

L-Artikolu 2 jistipula li l-KEI imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva 98/34/KE, jiġifieri s-CEN, is-CENELEC u l-ETSI, huma l-benefiċjarji prinċipali tal-finanzjament ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea. Fir-rigward tax-xogħlijiet ta' tħejjija jew supplementarji għall-istandardizzazzjoni bħalma huma x-xogħlijiet ta' riċerka pre- jew paranormattivi, testijiet interkomparattivi, ta' l-analiżi, evalwazzjonijiet u validazzjonijiet, ta' korpi oħra huma daqstant eliġibbli għall-finanzjament mill-Komunità.

L-Artikolu 3 jistipula t-tipi differenti ta' attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni li huma eliġibbli għall-finanzjament mill-Komunità: dawn huma l-produzzjoni u r-reviżjoni ta' l-istandards Ewropej għall-KEI; l-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni li huma eliġibbli jistgħu wkoll jinkludu l-ħolqien ta' kull prodott ieħor ta' l-istandardizzazzjoni bħalma huma l-pre-standards, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, rapporti tekniċi, gwidi jew speċifikazzjonijiet oħra adottati minn laqgħat ta' ħidma kif ukoll il-provvediment ta' servizzi fil-kuntest ta' l-istandardizzazzjoni. Barra minn hekk, il-finanzjament Komunitarju jista' jkopri l-attivitajiet tas-segretarjati ċentrali tal-KEI, il-verifika tal-kwalità ta' l-istandards Ewropej, it-traduzzjoni ta' l-istandards, kif ukoll il-promozzjoni tas-sistema Ewropea ta' l-istandardizzazzjoni. Bl-istess mod, pjanijiet ta' kooperazzjoni u ta' assistenza teknika ma' pajjiżi terzi fil-qasam ta' l-istandardizzazzjoni għall-promozzjoni ta' l-aċċess għas-swieq huma eliġibbli għall-finanzjament Komunitarju.

L-Artikolu 4 jistipula li l-allokkazzjonijiet għall-attivitajiet ifffinanzjati bis-saħħa ta' din id-Deċiżjoni huma awtorizzati ta' kull sena mill-awtorità tal-baġit.

L-Artikolu 5 jistipula l-kondizzjonijiet tal-finanzjament. Bħala regola ġenerali, il-finanzjament ta' l-attivitajiet ta' l-KEI isir permezz ta' sussidji bla sejħiet għall-applikazzjonijiet skond l-Artikolu 110(1) it-tieni inċiż tar-Regolament Finanzjarju, flimkien ma' l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, li jistabbilixxu l-kondizzjonijiet ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju⁹. Dan huwa ġġustifikat mill-fatt li huma involuti entitatijiet imsemmija fid-Direttiva 98/34/KE li l-attivitajiet tagħhom huma ta' interess ġenerali Ewropew u li mahumiex, fuq l-iskala Ewropea, f'konkurrenza ma' entitatijiet oħra. Min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' tnejn jew supplementarji għall-istandardizzazzjoni li jsiru minn korpi oħra, il-finanzjament jingħata permezz ta' sussidji b'sejħiet għall-applikazzjonijiet jew permezz ta' kuntratti pubbliċi. Fir-rigward tal-finanzjament ta' l-attivitajiet tas-segretarjati ċentrali, l-ġhoti xorta jista' jsir, kemm jekk ikun ta' sussidji għall-azzjoni, jew ta' sussidji għall-funzjonament. Fil-każ tas-sussidji għall-funzjonament ikkontemplati fl-Artikolu 113(2) tar-Regolament Finanzjarju, ma għandux jiġi applikat it-tnaqqis progressiv. Fid-dawl tal-kontribuzzjonijiet tal-partijiet interessati fl-istandardizzazzjoni li jagħmlu disponibbli l-kompetenza tagħhom għal dan il-għan, għandu jkun awtorizzat ir-rikors kważi-sistematiku għall-kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji bi tpartija. Sabiex titħaffef il-ġestjoni finanzjarja, jista' jkun meħtieġ il-ħolqien ta' tariffi għal kull unità jew ta' rati tal-finanzjament ta' l-istandards jew ta' prodotti oħra ta' l-istandardizzazzjoni.

Fl-interess ta' ġestjoni xierqa u sostenibbli ta' l-attivitajiet ifffinanzjati, l-għanijiet komuni tal-kooperazzjoni u l-kondizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji marbuta ma' l-ġhoti tas-sussidji għandhom jiġu stabbiliti permezz ta' ftehimiet ta' qafas ta' sħubija bejn l-KEI u l-Kummissjoni. L-Artikolu 6 jiddefinixxi l-kondizzjonijiet tal-ġestjoni, ta' l-implimentazzjoni u ta' sorveljanza mill-Kummissjoni. Sabiex tkun tista' tiġi garantita ġestjoni xierqa u effikaċi, il-Kummissjoni tista' tirrikorri għall-mezzi ta' għajnuna neċessarji, bħalma huma l-verifiki, l-evalwazzjonijiet, l-istudji, laqgħat, azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' pubblikazzjoni. Barra minn hekk, għandhom isiru, b'mod regolari, evalwazzjonijiet ta' l-effikaċja u ta' l-impatt tal-miżuri fffinanzjati.

L-Artikolu 7 jistipula l-mezzi neċessarji biex ikun żgurat ħarsien adegwat ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

⁹ ĠU L 357, tal-31.12.2002, p. 1.

Proposta ta'

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

Dwar il-finanzjament ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikularment l-Artikolu 95 u l-Artikolu 157(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni¹⁰,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹¹,

Skond il-proċedura msemija fl-Artikolu 251 tat-Trattat¹²,

Billi:

- (1) L-istandardizzazzjoni Ewropea hija attività volontarja mill- u għall-partijiet interessati li jixtiequ jistabbilixxu standards u prodotti oħra ta' l-istandardizzazzjoni li jwiegħbu għall-ħtiġijiet tagħhom. Dawn il-prodotti ta' l-istandardizzazzjoni huma stabbiliti mill-Komitat Ewropew għall-istandardizzazzjoni (is-CEN), il-Komitat Ewropew għall-istandardizzazzjoni elettroteknika (is-CENELEC) u l-Istitut Ewropew għall-Istandardizzazzjoni tat-Telekomunikazzjoni (l-ETSI), korpi li jidhru fl-Anness I tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Informatika¹³, minn hawn 'il quddiem "korpikorpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni".
- (2) Id-Direttiva 98/34/KE tistipula li l-Kummissjoni tista', wara konsultazzjoni mal-Komitat maħtur bid-Direttiva msemija, tressaq talbiet għall-istandardizzazzjoni lill-korpikorpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni. Il-linji ta' gwida ġenerali għall-kooperazzjoni jistabbilixxu r-relazzjonijiet ta' sħubija bejn, fuq naħa, dawn l-korpi u, fuq in-naħa l-oħra, il-Komunità u l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles (EFTA)¹⁴ li għandha sehem ukoll fl-appoġġ ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea.
- (3) Huwa meħtieġ li l-Komunità tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea meta jitqies ir-rwol importanti li din għandha fl-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politika tagħha. Minn naħa, l-istandardizzazzjoni Ewropea tikkontribwixxi għall-funzjonament u għall-konsolidazzjoni tas-suq intern, partikularment bis-saħħa tad-Direttivi magħrufa bħala ta' "strateġija ġdida"

¹⁰ ĠU C [...] tal-[...], p. [...].

¹¹ ĠU C [...] tal-[...], p. [...].

¹² ĠU C [...] tal-[...], p. [...].

¹³ ĠU L 204 tal-21.7.1998, p. 37. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

¹⁴ ĠU C 91 tas-16.4.2003, p. 7.

fl-oqasma tas-saħħa, tas-sigurtà, tal-ħarsien ta' l-ambjent u tal-konsumaturi jew inkella biex tiġi żgurata l-interoperabilità f' oqasma bħalma huma dawk tat-trasport. Min-naħa l-oħra, permezz ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea tista' tittejjeb il-kompetittività ta' l-intrapriżi billi titħaffef partikularment iċ-ċirkulazzjoni ħielsa tal-prodotti u tas-servizzi, l-interoperabilità tax-xbieki ta' informazzjoni, tal-mezzi ta' komunikazzjoni, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni f'attivitajiet bħalma hija t-teknoloġija ta' l-informatika. Għaldaqstant din id-Deċiżjoni għandha tinkludi l-finanzjament ta' l-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informatika u tat-telekomunikazzjoni li altrimenti huma rregolati, partikularment, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar l-istandardizzazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informatika u tat-telekomunikazzjoni.¹⁵

- (4) Jeħtieġ li tingħata bażi ġuridika ċara, sħiħa u ddettaljata għall-finanzjament mill-Komunità Ewropea ta' l-attivitajiet kollha fir-rigward ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tagħha.
- (5) Il-finanzjament Komunitarju għandu jkun immirat lejn il-ħolqien ta' standards jew prodotti oħra ta' l-istandardizzazzjoni, biex jitħaffef l-użu tagħhom mill-intrapriżi, partikularment bis-saħħa tat-traduzzjoni fl-ilsna differenti tal-Komunità, biex tissaħħaħ il-koeżjoni tas-sistema Ewropea ta' l-istandardizzazzjoni u fl-aħħarnett biex tkun żgurata l-promozzjoni ta' din is-sistema sħiħa.
- (6) L-allokazzjonijiet għall-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea għandhom ikunu stabbiliti ta' kull sena mill-awtorità tal-baġit fil-parametri tal-perspettivi finanzjarji u jkunu s-suġġett ta' Deċiżjoni ta' kull sena mill-Kummissjoni li tistabbilixxi l-ammonti u, fejn ikun il-każ, ir-rati massimi ta' kofinanzjament skond it-tip ta' attività.
- (7) Fid-dawl ta' l-ambitu wiesa' ħafna ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea fl-appoġġ tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Komunità u tat-tipi differenti ta' attivitajiet fir-rigward ta' l-istandardizzazzjoni, għandhom jiġu previsti modalitajiet differenti tal-finanzjament. Hawnhekk jidħlu prinċipalment is-sussidji bla sejħiet għall-applikazzjonijiet fir-rigward ta' l-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni, skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 110(1) it-tieni inċiż tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹⁶, hawnhekk imsejjaħ «ir-Regolament Finanzjarju» u ta' l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jstabbilixxu l-modalitijiet ta' l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-regolament finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali¹⁷ tal-Komunitajiet Ewropej.
- (8) Barra minn hekk, kif l-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni jipprovdu kontinwament għajnuna għall-attivitajiet tal-Komunità, huma għandu jkollhom segretarjati ċentrali effikaċi u li jiffunzjinaw. Għaldaqstant, il-Kummissjoni

¹⁵ ĠU L 36 tas-7.2.1987, p. 31. Deċiżjoni emendata mir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 36).

¹⁶ ĠU L 248 tas-16.9.2002, p. 1.

¹⁷ ĠU L 357 tal-31.12.2002, p.1.

għandu jkollha minn issa l-possibilità li tagħti sussidji lil dawn l-korpi, li jaqdu skop ta' interess ġenerali Ewropew, bla ma tapplika, fil-każ ta' dawn is-sussidji ta' funzjonament, il-prinċipju tat-tnaqqis progressiv imsemmi fl-Artikolu 113(2) tar-regolament finanzjarju. Il-funzjonament effikaċi ta' l-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni jippresupponi, barra minn hekk, li l-membri nazzjonali ta' dawn il-korpikorpi jaqdu l-obbligi tagħhom ta' kontribut finanzjarju lejn is-sistema Ewropea ta' l-istandardizzazzjoni.

- (9) Il-finanzjament ta' l-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni għandu jkollu l-possibilità li jkopri wkoll attivitajiet ta' tħejjija jew supplementarji għall-ħolqien ta' l-istandards jew prodotti oħra fir-rigward ta' l-istandardizzazzjoni. Hawn jidħlu partikularment xogħlijiet ta' riċerka, ta' tifsil ta' dokumenti ta' tħejjija għall-legalizzazzjoni, tat-twertiq ta' testijiet bejn laboratorji differenti, tal-validazzjoni jew ta' l-evalwazzjoni ta' l-istandards. Barra minn hekk, il-promozzjoni ta' l-istandardizzazzjoni fuq il-livell Ewropew u internazzjonali għandu jkollha l-possibilità li tinkludi t-twertiq ta' programmi ta' kooperazzjoni u ta' assistenza teknika ma' pajjiżi terzi. Sabiex jittejjeb l-aċċess għas-swieq u tissaħħaħ il-kompetittività ta' l-intrapriżi, għandha tkun stipulata l-possibilità li jingħataw sussidji lil korpi oħra permezz ta' sejħiet għall-proposti jew, fejn ikun il-każ, proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi.
- (10) Jiġu ffirmati regolarment konvenzjonijiet ta' sħubija bejn il-Kummissjoni u l-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni sabiex jiġu stipulati r-regoli amministrattivi u finanzjarji dwar il-finanzjament ta' l-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament finanzjarju.
- (11) Meta titqies l-ispeċifiċità tax-xogħlijiet ta' l-istandardizzazzjoni, u partikularment tal-parteċipazzjoni kbira tal-partijiet interessati differenti, speċjalment l-intrapriżi, fil-proċess ta' l-istandardizzazzjoni, bit-tqegħid ta' esperti għad-dispożizzjoni tal-ħidma, ikun tajjeb li l-kofinanzjament ta' l-attivitajiet ta' produzzjoni ta' l-istandards Ewropej jew ta' prodotti oħra ta' l-istandardizzazzjoni li jirċievu sussidju mill-Komunità ikun jista' jsir b'mod kważi sistematiku permezz ta' kontibuzzjonijiet mhux finanzjarji bi tpattija.
- (12) Biex tiġi żgurata implimentazzjoni effikaċi ta' din id-Deċizzjoni, għandu jkun hemm il-possibilità tal-proviżjoni tal-kompetenza neċessarja, partikularment fil-qasam ta' verifika u ta' ġestjoni finanzjarja, kif ukoll tal-mezzi ta' għajjnuna amministrattiva li jistgħu jiffaċilitaw it-twertiq, u li regolarment issir evalwazzjoni tas-siwi ta' l-attivitajiet li jirċievu l-finanzjament mill-Komunità biex jiġu żgurati l-utilità u l-impatt tagħha.
- (13) Jeħtieġ ukoll li jittieħdu l-miżuri xierqa u meħtieġa biex jiġu evitati l-frodi u l-irregolaritajiet, kif ukoll għall-irkupru ta' fondi li jkunu ntilfu, tħallsu mingħajr ma kienu dovuti jew intużaw ħażin, f'konformità mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95¹⁸ tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej, (Euratom, KE) Nru 2185/96¹⁹ tal-11 ta' Novembru 1996 dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza u verifika fuq il-post immexxija mill-Kummissjoni għall-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej mill-frodi u minn

¹⁸ ĠU L 312 tat-23.12.1995, p. 1.

¹⁹ ĠU L 292 tal-15.11.1996, p. 2.

irregolaritajiet oħra, u mar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999²⁰ dwar l-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (*OLAF*).

JIDDEĊIEDU:

Artikolu 1

Għan

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli li jikkonċernaw il-kontribut tal-Komunità fil-finanzjament ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-politika tagħha u tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità.

Artikolu 2

Korpi eliġibbli għall-finanzjament Komunitarju

Il-finanzjament Komunitarju jista' jingħata lill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni stabbiliti msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 98/34/KE, minn hawn 'il quddiem: "il-korpikorpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni" għall-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni.

Madankollu, finanzjament mill-Komunità jista' wkoll jingħata lil korpi oħra għall-implimentazzjoni tax-xogħlijiet ta' tħejjija jew supplementarji għall-istandardizzazzjoni Ewropea li jissemmew fl-Artikolu 3(1)(b), kif għall-programmi msemmija fl-Artikolu 3(2).

Artikolu 3

Attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni eliġibbli għall-finanzjament mill-Komunità

1. Il-Komunità tista' tiffinanzja l-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea li ġejjin :
 - a) il-produzzjoni u r-reviżjoni ta' l-istandards Ewropej jew ta' kwalunkwe prodott ieħor neċessarju u xieraq fir-rigward ta' l-istandardizzazzjoni għall-implimentazzjoni tal-politika u tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità;
 - b) it-tweqqif ta' xogħlijiet ta' tħejjija jew supplementari għall-istandardizzazzjoni Ewropea bħalma huma studji, programmi, evalwazzjonijiet, analiżi komparattivi, xogħlijiet ta' riċerka, xogħlijiet tal-laboratorji, testijiet bejn laboratorji differenti u xogħlijiet ta' evalwazzjoni tal-konformità;
 - c) l-attivitajiet tas-segretarjati ċentrali ta' l-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni;
 - d) il-verifika tal-kwalità u tal-konformità ta' l-istandards Ewropej jew ta' kull prodott ieħor ta' l-istandardizzazzjoni;
 - e) it-traduzzjoni, fejn ikun meħtieġ, ta' l-istandards Ewropej jew ta' kull prodott ieħor ta' l-istandardizzazzjoni użati favur il-politika u l-

²⁰ ĠU L 136 tal-31.5.1999, p. 1.

leġiżlazzjoni tal-Komunità fl-ilsna tal-Komunità barra mill-ilsna operattivi ta' l-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni;

- f) il-promozzjoni u l-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' l-istandardizzazzjoni u ta' l-istandards Ewropej fost il-partijiet interessati fil-Komunità u fuq il-livell internazzjonali.
2. L-attivitajiet ikkontemplati fil-paragrafu 1(f) jistgħu jinkludu t-tweqqif tal-programmi ta' kooperazzjoni u ta' assistenza teknika fir-rigward ta' pajjiżi terzi.
3. L-attivitajiet ikkontemplati fil-paragrafu 1(a) huma eliġibbli biss fejn il-Kumitat maħtur fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE ikun ġie kkonsultat dwar it-talbiet li jridu jittressqu quddiem l-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni.

Artikolu 4

Finanzjament

L-allokazzjonijiet għal attivitajiet ikkontemplati fl-Artikolu 3 huma awtorizzati ta' kull sena mill-awtorità tal-baġit fil-parametri tal-perspettivi finanzjarji.

Artikolu 5

Kondizzjonijiet tal-finanzjament

1. Il-finanzjament mill-Komunità għandu bl-għoti ta' sussidji, bla sejħa għall-applikazzjonijiet, lill-organizzazzjonijiet jew korpi li ġejjin:
 - (a) lill-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni, biex iwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3;
 - (b) lill-korpi li huma msemmija f'att bażiku fis-sens ta' l-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju biex iwettqu, f'kollaborazzjoni ma' l-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni, ix-xogħlijiet imsemmija fl-Artikolu 3(1) (b), ta' din id-Deċiżjoni.

Jingħatabl-għoti ta' sussidji, wara sejħa għall-applikazzjonijiet, jew bi proċedura ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi, għax-xogħlijiet marbuta ma' l-istandardizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1)(b) jew fil-paragrafu (2).
2. Il-finanzjament ta' l-attivitajiet tas-segretarjati ċentrali ta' l-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni ikkontemplati fl-Artikolu 3(1)(c), jista' jsir kemm fuq il-bażi ta' sussidji ta' l-azzjoni, kif ukoll ta' sussidji ta' funzjonament. Is-sussidji ta' funzjonament ma għandhomx, f'każ ta' tiġdid, karattru ta' tnaqqis progressiv.
3. Il-Kummissjoni tiddeċiedi l-modalitajiet tal-finanzjament ikkontemplati fil-paragrafi 1 u 2 kif ukoll l-ammonti u, fejn ikun il-każ, il-perċentwali massimi ta' finanzjament skond it-tip ta' l-attivitajiet.
4. Il-kofinanzjament fil-forma ta' kontibuzzjonijiet mhux finanzjarji bi tpartit huwa aċċettat. Il-valorizzazzjoni tal-kontibuzzjonijiet ta' dan it-tip isir b'dawk il-kondizzjonijiet stipulati fir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.
5. L-għanijiet komuni ta' kooperazzjoni u l-kondizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji dwar is-sussidji li jingħataw lill-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni huma ddefiniti fil-konvenzjonijiet – oqfsa ta' assoċjazzjoni,

iffirmati bejn il-Kummissjoni, minn naħa waħda, u l-korpi, min-naħa l-oħra, skond ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.

Artikolu 6

Ġestjoni, implimentazzjoni u segwitu

1. L-allokkazzjonijiet awtorizzati bl-awtorità tal-baġit għall-finanzjament ta' attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni jistgħu jkopru wkoll l-ispejjeż amministrattivi marbuta ma' l-azzjonijiet ta' tħejjija, ta' sorveljanza, ta' kontroll, ta' verifika u ta' evalwazzjoni, li jkunu direttament neċessarji għat-twettiq ta' l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, partikularment ta' l-istudji, tal-laqqgħat, ta' l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' pubblikazzjoni, ta' spejjeż marbuta max-xbieki ta' informazzjoni għall-iskambju ta' informazzjoni kif ukoll kull spiża oħra fir-rigward ta' assistenza amministrattiva u teknika li tista' tirrikorri għaliha l-Kummissjoni għall-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni.
2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa b'mod regolari is-siwi ta' l-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni li jirċievu finanzjament Komunitarju skond il-ħtiġijiet tal-politika u tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità.

Artikolu 7

Ħarsien ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

1. Il-Kummissjoni għandha tara li, fl-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet iffinanzjati bis-saħħa ta' din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jitħarsu bl-implimentazzjoni tal-miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u l-attivitajiet illegali l-oħra, bit-twettiq ta' kontrolli effettivi u bl-irkupru ta' l-pagamenti mhux dovuti, kif ukoll, meta jkunu ġew innutati l-irregolaritajiet, b'sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u diswasivi, skond ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95, tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 u tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999.
2. Fir-rigward ta' l-attivitajiet tal-Komunità ffinanzjati bis-saħħa ta' din id-Deċiżjoni, in-nozzjoni ta' irregolarità msemmija fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandha tisser kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Komunità jew kull nuqqas fir-rigward ta' obbligu kuntrattwali li joħroġ minn att jew ommissjoni ta' operatur ekonomiku li għandu jew jista' jkollu l-effett li b'nefqa mhux awtorizzata jippreġudika l-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej jew il-baġits ġestiti minnhom.
3. Il-konvenzjonijiet u l-kuntratti li joħroġu minn din id-Deċiżjoni jipprevedu segwitu u sorveljanza finanzjarja tal-Kummissjoni, jew ta' kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha, u verifiki mwettqa mill-Qorti ta' l-Awdituri, fil-post, fejn ikun il-każ.

Artikolu 8

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, il-

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

FICHE FINANCIÈRE LÉGISLATIVE

Domaine(s) politique(s): Marché intérieur et compétitivité des entreprises
Activité(s): Normalisation européenne

DÉNOMINATION DE L'ACTION: FINANCEMENT DE LA NORMALISATION EUROPÉENNE

1. LIGNE(S) BUDGÉTAIRE(S) + INTITULÉ(S)

020304 – Normalisation et rapprochement des législations – ainsi que le cas échéant d'autres lignes budgétaires pertinentes pour d'autres politiques.

2. DONNÉES CHIFFRÉES GLOBALES

2.1 Enveloppe totale de l'action (partie B): 134 millions d'euros en CE

2.2 Période d'application:

2006-2010

2.3 Estimation globale pluriannuelle des dépenses:

a) Échéancier crédits d'engagement/crédits de paiement (intervention financière)
(cf. point 6.1.1)

Millions d'euros (à la 3^e décimale)

	Année						
	2006	2007	2008	2009	2010		Total
Crédits d'engagement	19	25	30	30	30		134
Crédits de paiement	18.6	25	30	30	30		133,6

b) Assistance technique et administrative (ATA) et dépenses d'appui (DDA)
(cf. point 6.1.2) (inclus dans les budgets annuels en tant que de besoin)

CE							
CP							

Sous-total a+b							
CE	19	25	30	30	30	-	134
CP	18.6	25	30	30	30	-	133,6

c) Incidence financière globale des ressources humaines et autres dépenses de fonctionnement : maintien du statu-quo (2A+3B+2C). (cf. points 7.2 et 7.3)

CE/CP							
-------	--	--	--	--	--	--	--

TOTAL a+b+c							
CE	19	25	30	30	30	-	134
CP	18.6	25	30	30	30	-	133,6

2.4 Compatibilité avec la programmation financière et les perspectives financières

X La proposition est compatible avec la programmation financière existante pour 2006.

Pour les années 2007 à 2010, la proposition est compatible au nouveau cadre des perspectives financières 2007-2013, voir la Communication [COM(2004) 101] de la Commission de février 2004.

Cette proposition nécessite une re-programmation de la rubrique concernée des perspectives financières,

y compris, le cas échéant, un recours aux dispositions de l'accord interinstitutionnel.

2.5 Incidence financière sur les recettes

X Aucune implication financière (concerne des aspects techniques relatifs à la mise en œuvre d'une mesure).

3. CARACTÉRISTIQUES BUDGÉTAIRES

Nature de la dépense		Nouvelle	Participation AELE	Participation pays candidats	Rubrique PF
DO	CND	NON	OUI	NON	N° 3 (en 2006) N° 1a (à partir de 2007)

4. BASE JURIDIQUE

Article 95 et 157 du traité instituant la Communauté européenne

5. DESCRIPTION ET JUSTIFICATION

5.1 Nécessité d'une intervention communautaire

5.1.1 Objectifs poursuivis

La présente proposition a pour objectif de rationaliser, consolider et sécuriser dans la durée et dans le contexte du nouveau règlement financier les dépenses existantes en matière d'activités de normalisation européenne réalisées en soutien des politiques communautaires, notamment pour l'amélioration du marché intérieur et de la compétitivité des entreprises dans le cadre d'un développement durable.

5.1.2 Dispositions prises relevant de l'évaluation ex ante

Une évaluation d'impact préliminaire a été réalisée qui a conclu à un impact neutre de cette mesure qui consiste à renforcer, consolider, sécuriser et éventuellement simplifier une situation existante dans le cadre d'une nouvelle législation financière et de l'élargissement de la Communauté européenne (voir point 2 de la présente annexe). Comme prévu, une consultation a été menée auprès des parties intéressées (normalisateurs, industrie, Etats membres et AELE). L'ensemble des parties consultées a reconnu le bien fondé d'une telle proposition et la continuation des actions existantes telles que décrites au point 5.2.

5.2 Actions envisagées et modalités de l'intervention budgétaire

Actuellement, le financement des activités de la normalisation européenne vise essentiellement:

- des contrats de performance annuels avec CEN, CENELEC et ETSI pour améliorer le fonctionnement de leurs secrétariats centraux en terme de cohérence, d'efficacité, de qualité et de visibilité,
- l'amélioration de la qualité de la normalisation européenne, via l'évaluation par des consultants externes des projets de normes harmonisées et la traduction en tant que de besoin de leur version finale,
- l'élaboration de normes européennes ou autres produits de normalisation élaborés en soutien des politiques communautaires,

- la promotion et la visibilité du système européen de normalisation et des normes européennes.

D'autres activités peuvent être financées par exemple dans les domaines de l'assistance ou de la coopération technique vis-à-vis des pays tiers.

L'intervention budgétaire se fait essentiellement sur base de subventions sans appel à proposition pour les organismes européens de normalisation reconnus dans la directive 98/34/CE ou encore via l'appel au marché ou par le biais des subventions avec appel à proposition vis-à-vis d'autres entités.

5.3 Modalités de mise en œuvre

La gestion du budget de normalisation est de la responsabilité de la Commission. Ce budget est essentiellement exécuté sur la base des activités telles que décrites dans l'article 3 de la proposition.

Une assistance technique et administrative n'est pas exclue ; elle est partie intégrante des budgets annuels.

6. INCIDENCE FINANCIÈRE

6.1 Incidence financière totale sur la partie B (pour toute la période de programmation)

La ventilation par type d'actions se fait chaque année sur la base des estimations indiquées au point 2.3 et dans le cadre des Décisions annuelles de financement de la Commission qui fixe les montants, les taux de co-financement par type d'activité.

7. INCIDENCE SUR LES EFFECTIFS ET LES DÉPENSES ADMINISTRATIVES

Aucune incidence ċar maintien de la situation existante en matière de ressources humaines et de dépenses administratives (2A+3B+2C).

8. SUIVI ET ÉVALUATION

8.1 Système de suivi

Des évaluations récurrentes sont réalisées régulièrement par la Commission sur les différents types d'activités faisant l'objet d'un soutien financier communautaire (voir point 6.2 relatif à l'évaluation ex-ante).

8.2 Modalités et périodicité de l'évaluation prévue

Des évaluations ex-post sont prévues pour chaque type de financement chaque année. A titre d'exemple, le programme esap a fait l'objet d'une évaluation en 2003 ; en 2005, les contrats consultants seront évalués par des évaluateurs externes.

9. MESURES ANTIFRAUDE

Les dispositions de la réglementation financière relatives à l'exécution du budget, et plus particulièrement celles concernant les mesures de contrôle sont d'ores et déjà mises en œuvre.

Des mesures de contrôles systématiques des subventions sont prévues dans les conventions cadre de partenariat signées entre la Commission et les organismes européens de normalisation telles que des obligations de rapports, de décomptes financiers avec la possibilité d'exiger toutes pièces justificatives pour les dépenses pendant 5 ans après paiement de la facture finale relative à toute convention spécifique.

Des rapports d'audit sont requis de la part des bénéficiaires conformément aux dispositions du règlement financier.

Des contrôles sur pièces et sur place sont réalisés régulièrement par la Commission notamment pour s'assurer que le système d'enregistrement du nombre d'hommes/jours utilisés pour les activités de normalisation est fiable.